RES JUDICATA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Gunju 2017

**Kawza Numru : 48**
**Rikors Guramentat Numru : 1161/2014/LSO fl-ismijiet:**

**Peter (KI 548857 M) u Mary (KI 167257 M) konjugi Magri**

**vs**

**Antonia (KI 742144 M) mart Philip (KI 28943 M) Sciberras, Nicholas Grech, Carmela armla ta' Antonio Sciberras, Mary Lourdes mart Anthony Sciberras, Tereza mart**

**Anthony Borg, u Saviour Grech u b' digriet tat-12 ta' Jannar 2016 l-atti gew trasfuzi f' isem Joseph Grech (ID 445871 M)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta' Peter (KI 538857 M) u Mary (KI 167357 M) konjugi Magri datat 19 ta' Dicembru 2014 fejn bir-rispett u bil-gurament taghha Mary mart l-istess Peter Magri kkonfermat :-

Illi b'sentenza fl-ismijiet "Saviour Grech et vs Cassar Gerardu et" (Citaz.nru 1064/2000 GC illum SM) deciza fl-24 ta' Jannar 2013 l-istess Onorabbli Qorti ddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet tal-atturi l-odjerni intimati u llikwidat l-assi ereditarji ta' Antonio u Calcedonia konjugi Cassar inkluz il-komunjoni tal-akkwisti bejntiehom skont kif dawn gew likwidati skont il-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti fit-tieni rapport tieghu. Ordnat ukoll li l-istess assi hekk likwidati jitqassmu skont il-porzjonijiet tal-iqsma appartenenti lill-kontendenti skont is-sehem rispettiv taghhom skont il-pjan ta' qasma kif preparat mill-istess Perit Tekniku fit-tieni relazzjoni tieghu u l-istess porzjonijiet jigu assenjati u divizi mill-istess kontendenti skont l-istess pjan ippreparat fit-tieni relazzjoni tal-Perit Tekniku. Innominat lin-Nutar Dr Peter Fleri Soler biex jippubblika l-

att relattiv u l-Avukat Dr Andrew Sciberras biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci.

Illi b'digriet datat 24 ta' Settembru 2014 din l-Onorabbli Qorti laqghet rikors tal-intimati biex jigi ffissat hin, jum u lok ghal pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv tal-qasma. Inoltre l-A.I.C Joseph Ellul Vincenti gie dirett sabiex fil-minuta tal-istess divizjoni tigi wkoll assenjata arja ta' mitt (100) pied fond wara l-fond urban numru sittax (16) Triq San Nikola Qrendi assenjabbli lill-intimati.

Illi b'digriet datat 4 ta' Dicembru 2014 din l-istess Onorabbli Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti odjerni ghar-revoka *contrario imperio* tal-istess digriet fuq indikat.

Illi t-talba tal-odjerni intimati rikorrenti f' dak id-digriet datat 24 ta' Settembru 2014 mhux legalment sostenibbli.

Illi difatti l-istess rikors promotorju ma giex notifikat lill-odjerni rikorrenti ghar-risposta taghhom u dana sabiex l-Onorabbli Qorti tkun tista' tara x' ghandhom xi jghidu ghall-istess talba.

Illi l-istess intimati naqsu li jintavolaw appell mit-tali sentenza u ghalhekk l-istess sentenza ghaddiet in gudikat.

Illi l-istess intimati naqsu wkoll li jipprezentaw rikors fit-terminu preskritt mil-ligi sabiex jikkoregu u/jew jitolbu l-kjarifika tal-istess sentenza.

Illi l-istess sentenza fuq indikata hija cara u spjegata li ma thalli l-ebda dubju fl-interpretazzjoni u applikabbilita` taghha u ghalhekk l-istess rikors fuq indikat kien frivolu u inutili.

Illi *ai termini* tal-istess sentenza d-divizjoni kellha issir skont it-tieni rapport redatt mill-perit tekniku. Fl-istess rapport il-qasma tal-art imsejha tal-Hofra limiti tal-Qrendi giet assenjata zewg terzi (2/3) a favur tar-rikorrenti odjerni u terz (1/3) a favur tal-intimati b'dan li l-ebda mitt (100) pied ma giet rizervat wara l-fond urban fuq indikat ossia numru 16 Triq San Nikola Qrendi.

Illi dan jirrizulta mill-pjanta annessa u mmarkata Dok MM1.

Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex :

1. Tiddikjara illi d-digriet moghti fl-24 ta' Settembru 2014 huwa legalment insostenibbli u ghandu jigi revokat b ' dan li ir-rikors tar-rikorrenti odjerni kellu jigi milqugh u mhux michud fl-4 ta' Dicembru 2014.

2. Tiddikjara li s-sentenza moghtija fl-24 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet "Grech Saviour et vs Cassar Gerardu et" (Citaz.Nru 1064/2000/GC illum SM) hija cara u ma hemm l-ebda lok ta' interpretazzjoni.

3. Tiffissa jum, hin u lok biex jigi pubblikat l-att ta' divizjoni min-Nutar Peter Fleri Soler skont it-tieni rapport

redatt mill-A.I.C Joseph Ellul Vincenti b'dan li l-art tal-Hofra limiti tal-Qrendi tigi maqsuma skont il-pjanta esebita immarkata Dok MM1 b'dan li ma tithalla l-ebda arja ta' mitt (100) pied wara l-fond numru 16 Triq San Nikola Qrendi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati mil-lum ingunti ghas-subizzjoni

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-29 ta’ Jannar 2015.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Jannar 2015 (fol 25) fejn meta issejhet il-kawza deher Dr Joseph Bonnici ghall-atturi prezenti. Billi kien jonqos in-notifika tal-konvenuti, il-kawza giet differita biex issir in-notifika lill-intimati wara l-hinijiet legali u in difett bil-procedura ta’ affissjoni u pubblikazzjoni f’ gazzetta lokali wahda. Dr Bonnici talab l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza Cit Nru 1064/2000/SM. Il-Qorti laqghet it-talba billi hu punt ghall-ahjar amminstrazzjoni ta’ din il-kawza. Il-kawza giet differita ghat-12 ta’ Marzu 2015.

Rat ir-risposta ta' Antonia (Kl 742144 M) mart Philip (Kl28943 M) Sciberras, Nicholas Grech, Carmela armla ta' Antonio Sciberras, Mary Lourdes mart Anthony Sciberras, Tereza armla ta' Anthony Borg datata 30 ta’ Jannar 2015 (fol 26) fejn esponew :-

Illi fl-ewwel lok u preliminarjament jigi rilevat li Anthony Borg u Saviour Grech huma t-tnejn mejta u ghalhekk il-gudizzju mhux integru billi l-azzjoni kellha ssir fil-konfront

ta' l-eredi ta' Saviour Grech u l-atti ghandhom jigu legittimata ghall-korrettezza;

IIIi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu rigettati;

Illi d-digriet tal-24 ta' Settembru 2014 ma jistax jigi attakat b'dan il-mod specjalment wara li r-rikorrenti stess talbu r-revoka tieghu u b'digriet iehor dik it-talba taghhom giet michuda mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Illi d-digriet tal-24 ta' Settembru 2014 ma ghamel xejn hlief ta effett shih ghas-sentenza ta' dina l-istess Onorabbli Qorti tal-24 ta' Jannar 2013 u ma ghamel xejn ghajr dak u ghalhekk ma kien hemm l-ebda nullita` la formali u lanqas sostantiva f' dak id-digriet u fid-digriet sussegwenti tal-4 ta' Dicembru 2014;

Illi huwa minnu li nghatat is-sentenza ghal liema ssir riferenza mill-atturi kif ukoll li huwa minnu li l-partijiet kollha accettaw dik is-sentenza. Dik is-sentenza u r-rapport fuq liema hija mibnija trid tinqara fl-intier taghha biex taghti effett shin ghad-divizjoni kif prospettata mill-istess perit. Huwa car li t-tieni rapport tal-perit huwa mibni fuq l-ewwel rapport tal-istess perit u huwa aggunta mieghu b'mod li r-rapporti tal-perit iridu jinqraw flimkien biex b'hekk jinghata effett shih ghalihom. Huwa daqstant car li l-partijiet kienu accettaw l-ewwel rapport tal-perit fl-intier tieghu hlief li riedu jiddisponu differentement fir-rigward tal-ghalqa imsemmija fit-tieni rapport dejjem salv l-assenjazzjonijiet li kienu saru

fl-ewwel rapport. Illi fl-ewwel rapport tal-perit huwa car li l-fond 16 Triq San Nikola Qrendi kien qieghed jigi assenjat flimkien ma' mitt pied fond art warajh. Dik l-assenjazzjoni b'l-ebda mod ma giet varjata fit-tieni rapport u baqghet fis-sehh u ghandha tinghata effett. F'dak is-sens kien id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti u kien qieghed jaghti effett shih lis-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Illi l-esponent jerga' jirrepeti dak li qal fir-risposta ghar-rikors precedenti tal-atturi u cioe` li:

"Ir-rikorrenti jghid li ma hemm xejn li mhux car u spjegat fis-sentenza meritu ta' dawn il-proceduri u li s-sottomissjonijiet tal-atturi huma totalment erroneji u inverosimili. Illi r-rikorrenti jghidu li l-atturi qeghdin ihalltu l-ewwel rapport mat-tieni rapport. In realta` l-atturi ma huma jhawdu xejn, qeghdin semplicement jghidu li z-zewg rapporti jridu jigu interpretati u valutati kontestawalment. Fil-fatt l-istess perit inkarigat meta kellmuh il-partijiet kien ikkonferma li ma kienx il-hsieb tieghu li jbiddel l-assenjazzjoni tal-mitt pied art li kien ghamel inizjalment. Huwa importanti f'dan il-kuntest li wiehed jaqra dak li qal il-perit fit-tieni relazzjoni tieghu. Dan jghid testwalment:

"Waqt is-seduta tal-19 ta' Jannar 2004, il-partijiet urew ix-xewqa li l-art maghrufa bhala "Tal-Hofra", jew "Ta' Awzent", Qrendi tinhareg barra mill-kumplament tal-wirt u tinqasam hekk:-

Ghal dak li hu l-attur, l-*area* tkun ta' terz u ghal dak li hu l-konvenut l-*area* tkun ta' zewg terzi.

Is-sottoskritt irid hawn jghid illi parti minn din l-*area* "Tal-Hofra", "Ta' Awzent," Qrendi kienet xi zmien ilu giet esproprjata mill-Gvern. Kuntratt u kumpens ghadu ma sarx u ghalhekk kull kumpens dovut mill-Gvern, meta, dan isir, ghandu jinqasam ghal dak li hu terz ghall-atturi u zewg terzi ghal-konvenuti."

"Huwa evidenti ghalhekk li l-perit fit-tieni relazzjoni tieghu bl-ebda mod ma kien qieghed jmiss jew ivarja l-assenjazzjonijiet li kienu saru minnu b' l-ewwel relazzjoni. Fl-ewwel relazzjoni huwa assenja l-fond 16 Triq San Nikola, Qrendi lill-atturi. Ma' dak il-fond huwa assenja l-mitt pied fond art fuq liema hemm il-kwistjoni. Huwa evidenti ghalhekk li dik l-assenjazzjoni ma kinitx qieghda titmiss jew tigi varjata bit-tieni relazzjoni ghaliex it-tieni relazzjoni ma kinitx qieghda terga' thares lejn dawk l-oggetti li gew assenjati fl-ewwel relazzjoni. Kieku kien mod iehor kien logikament isegwi li l-prezz muri ghal dik l-assenjazzjoni fl-ewwel relazzjoni kellu jigi varjat ghaliex issa l-proprjeta` qieghda tigi assenjata minnghajr l-art. Imma apparti dan l-ewwel relazzjoni tinkorpora fiha l-assenjazzjonijet kollha mehtiega u ghalhekk ma jaghmilx sens li issa tigi varjata b'dan il-mod meta kien evidenti li ma kinitx l-intenzjoni tal-perit li jvarja."

Illi inoltre jigi rilevat li fir-rigward tal-qasma kien hemm zewg relazzjonijiet tal-perit inkarigat. It-tieni relazzjoni bniet

u mhux issotitwiet l-ewwel relazzjoni billi kienet limitata ghall-art maghrufa bhala tal-Hofra jew tal-Awzent, Qrendi, li kellha tinhareg ‘il barra mill-kumplament tal-wirt u tinqasam ghal dak li hu l-atturi l-*area* tkun ta' terz u ghal dak li huwa tal-konvenuti l-arja tkun ta' zewg terzi; ghall-kumplament it-tieni relazzjoni kkonfermat il-qasma kif proposta fl-ewwel relazzjoni. F'dik ir-relazzjoni l-fond 16 Triq San Nikola, Qrendi gie assenjat kif jidher fuq is-*site plan* hawn "attacjata" (sic) u mmarkata Dok. JEV/6/. F'dik il-pjanta s-sit gie assenjat mieghu arja ta' fond ta' mitt pied warajh mill-proprjeta` li l-partijiet kellhom bejniethom. Dik l-assenjazzjoni qatt ma giet varjata jew mibdula u ghalhekk fl-eventwali divizjoni dak il-fond irid jigi hekk assenjat u cioe` kif deskritt fuq il-pjanta mill-istess perit relatur.

Huwa evidenti ghalhekk li t-talbiet tal-atturi huma kompletament infondati u bla bazi u ghandhom jigu rigettati.

Fir-rigward ta' provi l-atturi qeghdin minn issa jitolbu li jigu allegati l-atti tal-process 1064/2000 fl-ismijiet 'Saviour Grech et vs. Gerardu Cassar et'.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi datata 2 ta’ Ottubru 2015 (fol 39) fejn l-esponenti talbu lill-Qorti joghgobha tordna t-trasfuzzjoni tal-gudizzju fil-persuna tal-istess Joseph Grech u dan ghal fini u l-effetti kollha tal-ligi, inluz li jassumi l-atti flok l-istess missieru u dan tah kull provvediment li toghgobha timponi.

Rat ir-rikors ta' Joseph Grech (KI 445871 M) datata 11 ta' Jannar 2016 a fol 55 tal-process fejn ir-rikorrenti Joseph Grech uniku eredi ta' Salvatore Grech, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza t-trasfuzjoni tal-atti tal-kawza odjerna f' ismu bhala eredi ta' Saviour Grech sabiex jissokta l-kawza minflok id-decujus u dan salv kull provvediment iehor xieraq u opportun; u l-Qorti, bid-digriet taghha tat-12 ta' Jannar 2016 (fol 61) laqghet it-talba, u ordnat it-trasfuzzjoni tal-att f' isem ir-rikorrent u jsiru l-korrezzjonijiet kull fejn hu mehtieg.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar 2017 a fol 100 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza u l-Qorti halliet il-kawza ghal dan l-iskop ghall-15 ta' Gunju 2017 fid-9:30a.m.

Rat ir-rikors tal-atturi tas-6 ta' Gunju 2017 u d-digriet tal-Qorti fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbal tal-15 ta' Gunju 2017 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz tal-kaz odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu li jigi revokat id-digriet datat 24 ta' Settembru 2014, moghti wara sentenza vigenti bejn l-istess partijiet, fl-ismijiet inversi,

liema sentenza “Grech Saviour et vs Cassar Gerardu et” (Citazz. Nru. 1064/2000 GC) giet deciza fl-24 ta’ Jannar 2013.

L-intimati laqghu billi fl-ewwel lok, gie rilevat li Anthony Borg u Saviour Grech huma t-tnejn mejta ghalhekk il-gudizzju mhuwiex integru. Fit-tieni lok, gie eccepit, li t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt, *stante* li d-digriet tal-24 ta’ Settembru 2014, kull ma ghamel hu li ta effett shih lis-sentenza datata 24 ta’ Jannar 2013. Inoltre`, id-digriet datat 2 ta’ Settembru 2014, qed jigi attakkat wara li diga giet michuda t-talba ghar-revoka *contrario imperio* ta’ dak l-istess digriet. Gie sostnut fl-eccezzjonijiet tal-intimati, li t-tieni rapport tal-Perit Ellul Vincenti, irid jinqara fid-dawl tal-ewwel rapport biex jinghata effett shih lis-sentenza datat 24 ta’ Jannar 2013 (1064/2000GC).

**Fatti:**

Jirrizulta li nghatat sentenza Cit. Numru 1064/2000 fl-ismijiet inversi fl-24 ta’ Jannar 2013, u f’dik is-sentenza gie deciz li l-pjan ta’ qasma kellu jsir skont it-tieni relazzjoni tal-Perit Tekniku mahtur. Illi sussegwentement, gie ntavolat rikors ipprezentat fit-22 ta’ Settembru 2014, fejn intalab li jigi assenjat il-fond 16, Triq San Nikola Qrendi, ma liema fond gie assenjat wkoll area ta’ mitt pied retropost. Permezz ta’ digriet datat 24 ta’ Settembru 2014, din il-Qorti diversament preseduta laqghet it-talba kif dedotta. In segwitu, ghal dan id-digriet gie ntavolat rikors iehor mill-kontro-parti ghar-revoka *contrario imperio* ta’ dan id-digriet, izda, kemm fl-4 ta’ Dicembru 2014 u fid-19 ta’ Dicembru 2014, id-digriet moghti originarjament fl-24 ta’ Settembru

2014, gie kkonfermat. Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti qed jipprocedu ghar-revoka *contrario imperio* ta' dak id-digriet tal-24 ta' Settembru 2014, u sabiex jigi dikjarat li s-sentenza datat 24 ta' Jannar 2013 hija cara u ma ghandha lok ghal ebda interpretazzjoni.

**Provi:**

**Peter Magri** xehed permezz ta' affidavit (fol 21-22) fejn qal li b'decizjoni moghtija fit-24 ta' Jannar 2013 (1064/2000GC) kellha ssir id-divizjoni skont it-tieni relazzjoni tal-Perit mahtur mill-Qorti. Spjega li l-Perit Tekniku f'dak il-kaz kien gie ordnat jaghmel rapport iehor, u dak it-tieni rapport ma kienx ikkontestat, u lanqas, ma sar rikors biex tintalab korrezzjoni jew kjarifika. Semma, li fit-tieni rapport, il-mitt pied wara l-fond 16, Triq San Nikola Qrendi, ma gewx inkluzi. Zied ighid, li sussegwentement gie pprezentat rikors sabiex id-divizjoni ssir skont it-tieni rapport, izda b'inkluzjoni tal-mitt pied wara l-imsemmi fond. Qal ukoll, li r-rikors li gie pprezentat, gie degretat minghajr ma gie ordnat in-notifika lill-kontro-parti u nono*stante* r-rikors ipprezentat ghar-revoka *contrario imperio*, id-digriet li nghata ghar-rikors originali ma giex revokat.

**Maria Magri** mart ir-rikorrenti, xehdet permezz ta' affidavit (fol 23-24) fejn irrakkontat l-istess fatti msemmija minn zewgha Peter Magri fl-affidavit tieghu.

Il-**Perit Joseph Ellul Vincenti** xehed (fol 43-50)[1] fejn qal, li kien inkarigat bhala Perit Tekniku fil-kaz 1064/2000, kien

[1] Seduta tat-12 ta' Novembru 2015.

ikkonkluda l-ewwel rapport wara spezzjoni ta' hdax-il-post, u wara li kien hemm oggezzjoni ghaliex il-partijiet xtaqu li ghalqa Tal-Hofra, tinqasam skont l-ishma, kien irrediga t-tieni rapport tieghu. Spjega li fl-ewwel rapport li l-art tal-Hofra kienet assenjata lill-konjugi Magri, izda fit-tieni rapport tieghu, hu kellu johrog din l-art mill-qasma u gie moghti istruzzjonijiet sabiex il-qasma "*issir mill-gdid."*. Hu qal li ma jaqbilx li hu bhala perit kellu jimxi fuq l-ewwel u fuq it-tieni rapport. Hu kkonferma wkoll li l-art Tal-Hofra tidher fil-pjanta JEV8, u l-mitt pied fuq dik il-pjanta ma jidhirx. Spjega li meta hadem fuq it-tieni rapport, hu qatt ma nghata nkarigu biex jahdem biss fuq l-art Tal-Hofra, ghaliex malli jcaqlaq dik l-art, icaqlaq kollox.

F'nota ghal domandi mill-avukat difensur tal-intimati, il-**Perit Ellul Vincenti** (fol 65-66) kkonferma li hejja zewg rapporti fil-kaz 1064/2000, u meta mmarka feles ta' mitt pied, rrefera biss ghall-ewwel rapport, peress, li fit-tieni rapport ma ssemma xejn dwar din l-art ta' mitt pied u lanqas hi indikata fuq pjanta. Spjega wkolll, li fit-tieni relazzjoni, hu halla l-istess deskrizzjoni u valutazzjoni, izda, fil-pjanta annessa mat-tieni relazzjoni dan il-mitt pied ma giex inkluz, ghaliex parti sostanzjali mill-ghalqa Tal-Hofra, giet assenjata lil min gie assenjat il-fond 16, Triq San Nikola Qrendi.

F'nota ulterjuri ghad-domandi tal-avukat difensur tar-rikorrent, **il-Perit Ellul Vincenti** (fol 69-71) kkonferma li fl-ewwel rapport, l-art Tal-Hofra, kienet giet assenjata lill-intimati filwaqt li fit-tieni relazzjoni din l-istess art kienet giet maqsuma bejn il-kontendenti skont is-sehem taghhom fil-wirt. Spjega li dan kien sar fuq talba tal-istess rikorrenti, u

dan ma kienx gie kontradett. Semma li fit-tieni rapport, il-valuri tal-proprjetajiet baqghu l-istess. Specifika li fl-ewwel rapport jidher feles art ta' mitt pied mal-fond 16, Triq San Nikola Qrendi, filwaqt li fit-tieni rapport, dan il-feles art ma giex inkluz. Hu kkonferma li qatt ma gie msejjah biex jidher f'seduta quddiem periti addizzjonali, qatt ma gie notifikat b'rikors korrettorju wara s-sentenza fir-rigward tar-rapport redatt minnu, u qatt ma gie msejjah biex jidher quddiem il-Qorti tal-Appell, minhabba dan il-kaz.

**Antonia Sciberras** xehdet permezz ta' affidavit (fol 79) fejn qalet li l-Perit mahtur mill-Qorti fil-kaz 1064/2000, kien hejja zewg rapporti, u kkummentat li l-art Tal-Hofra setghet giet imqassma ahjar u aktar bil-galbu. Qalet, li ghalkemm huwa minnu li s-sentenza tal-Qorti rriteniet li l-qasma ghandha ssir skont it-tieni rapport, izda t-tieni rapport ghandu jinqara fid-dawl tal-ewwel rapport.

In **kontro-ezami** (fol 88-90[2]) qalet dwar id-dokumenti esebiti minnha Dok F u G kienet infurmat b'dan lill-Perit Ellul Vincenti izda ma tiftakarx jekk kinux esebit fl-atti tal-kaz 1064/2000.

**Tereza Borg** xehdet permezz ta' affidavit, (fol 80) fejn qalet li l-ewwel rapport tal-Perit Ellul Vincenti kellu mizjud mal-fond 16 Triq San Nikola Qrendi, mitt pied kif jidher fil-pjanta JEV6. Ziedet tghid li ghalkemm fis-sentenza gie deciz li l-qasma trid issir skont it-tieni rapport, it-tieni rapport irid jinqara fid-dawl tal-ewwel rapport. Hi sostniet li ma jaghmilx sens, li m'ghandhomx dritt ghal mitt pied mal-fond

---

[2] Seduta tas-7 ta' Lulju 2016.

numru 16, Triq San Nikola Qrendi meta l-valur baqa' l-istess.

**L-ewwel eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju:**

Illi gie eccepit li billi Anthony Borg u Saviour Grech huma llum defunti, l-gudizzju mhuwiex integru. Din l-eccezzjoni giet sorvolata bit-trasfuzjoni f'isem l-eredi ta' Saviour Grech. Referibbilment ghal Anthony Borg, hu mhuwiex parti fil-kawza, peress li hija martu Tereza li hija parti fil-kawza.

Ghalhekk, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

**Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:**

Jigi osservat fl-ewwel lok, li s-sentenza li qed issir referenza ghaliha fir-rikors promotur Cit. numru 1064/2000GC ghaddiet in gudikat. Ghalhekk, ikun utli u relevanti li jigu enuncjati l-principji li jsawru l-principju ta' *res judicata*.

Hekk fis-sentenza taghha tal-5 ta` Novembru 1934 fil-kawza **"Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et"**, il-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) qalet hekk :-

*"L-'exceptio rei judicatae' ghandha bhala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li ghaddiet 'in giudicato', jigifieri li ma tista' tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u*

*sewwa u tal-haqq - 'res judicata pro veritate habetur' - jigifieri l-fundament tal-'actio' u tal-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija 'strictissimae interpretationis'."*

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat.

Dan gie ribadit ukoll mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali deciz fil-5 ta' Ottubru 1992 fl-ismijiet **"Dr. Jose Herrera noe vs Anthony Cassar et noe",** fejn gie ritenut li:

*"Sentenza li ghaddiet 'in giudicato' jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – 'res judicata pro veritate habetur' – jigifieri l-fundament ta' l-'actio' u tal-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali u ghalhekk hija ta' "strictissimae interpetationis". Min-naha l-ohra fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata, jew jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li trid il-ligi ma ssir l-ebda procedura ohra li tattaka s-sentenza*. (Ara **"Cassar Parnis vs Soler"** - 11 ta' Marzu 1949 – Kollez Vol XXXIII.ii.344, u **"Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et"** deciza mill-Prim' Awla fil-25 ta' Settembru 2003, u

**"Johanna Ganado vs Edward Degaetano"** - P.A. deciza fl-10 ta' Novembru 2015). Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza tkun diga tezisti waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza. (Ara **"Farrugia vs Borg Reville et "** – deciza mill-Prim' Awla fis-27 ta' Gunju 1995).

Illi minhabba l-fatt li din l-eccezzjoni timmina li twaqqaf l-azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tinghata interpretazzjoni stretta. Hekk kif intqal fil-kaz **"Caterina Gerada vs avukat Dottor Antonio Caruana,** deciz fis-7 ta' Marzu 1958*,"…l-eccezione di regiudicata si deve ammettere con molta circospezione, tanto piu quando trattasi di escludere un diritto.*" Il-**Mattiriolo** ighid: "*sta soltanto nel dispositivo onde e` principio che la cosa giudicata risiede esclusivamente nella parte dispositiva, non nei motivi*." **(Diritto Giudiziario Civile Vol 28).**

Inoltre sabiex din il-Qorti ssib illi l-azzjoni li ghandha quddiemha hija fil-fatt milquta bil-gudikat ta' sentenza ohra, jehtieg illi jirrizulta illi fil-fatt, fiz-zewg kawzi hemm l-istess partijiet, l-istess oggett u l-istess natura tal-kawza tal-kawzali - u cioe`, *eadem personae, eadem res, u eadem causa petendi.* **("Joseph Camilleri vs Lilian Mallia"** (Qorti tal-Appell - 5 ta' Ottubru 1998); **"Doris Attard vs Julian Borg et"** (Qorti tal-Appell- 28 ta' Gunju 2001); u **"Edmea Pace vs Edward pavia"** (P.A. - 3 ta' Lulju 2003) **"Crocefissa Sammut et vs Joseph Spiteri"** (Q.A. - 10 ta' Ottubru 2003) **"Carmelo Zammit et vs**

**Bartolomeo Xuereb"** – (P.A. 19 ta' Jannar 2011), **"Burlington Holdings vs Korporazzjoni Enemalta"** (P.A. - 12 ta' Jannar 2011).

Dawn it-tlett elementi huma hawn aktar spjegati:

***Eadem personae*** - il-gudizzju jkun bejn l-istess partijiet.
***Eadem res*** - l-identita` tal-oggett tal-gudizzju
***Eadem causa petendi*** – il-fatt guridiku li minnu jitwieled id-dritt reklamat.

Gie affermat ukoll li hemm lok ghall-gudikat, anke meta l-mertu tal-kaz ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta' qabel jifforma parti mill-istess haga jekk il-punt kontrovers ikun l-istess (ara: Qorti tal-Appell Kummercjali: **Dr. Jose` Herrera noe. vs Anthony Cassar et noe –** 5 ta' Ottubru 1992 - Kollez. Vol XXX.I.131).

Hekk fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Bonello vs. Edgar Cuschieri noe**. (Vol. XXXIV, P. I, p. 74)[3], b'riferenza ghall-Qorti ta' l-Appell ta' Firenze tat-tletin (30) ta' Lulju, 1907 gie ribadit li *: "il giudicato si forma non solo in ordine a ciò che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non discusso dalla parte che doveva discutere la propria istanza ed eccezzione."*

Kif gie ritenut u spjegat fis-sentenza tad-9 ta' Ottubru 1951 in re **Michele Sammut vs James Bonnici** (Q.Kumm) "il-

[3] Citata b'approvazzjoni mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Crocefissa Sammut et v Joseph Spiteri** - dec. fl-1 ta' Ottubru 2003.

*gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in mertu ghall-azzjoni, kien imissha jew setghet tigi sollevata in relazzjoni ma l-azzjoni stess. U meta hemm il-gudikat mhumiex ammissibbli eccezzjonijiet godda li jkollhom bhala effett li jiddistruggu jew jirrestringu l-effett tal-gudikat."* (Vol XXXV p. 649)

Ukoll fil-kawza **Antonio Abela vs Giuseppe Fenech** deciza fit-28.02.46 (Vol. XXXII.II p. 243) insibu hekk: *"Kontra l-gudikat ma jistghux jingiebu deduzzjonijiet li jmisshom ingiebu, u setghu jingiebu, fil-kawza irrevokabilment definta."*

Finalment, jinsab ritenut li *"Ma jistax ikun lecitu li lill-appellant li jerga' jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija decizjoni precedenti billi jgib 'il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta' u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk imputet sibi; u s-sentenza precedenti ma tistax tigi injorata u mqieghdha fil-genb ghar-ragunijiet pre-ezistenti ghall-prolazzjoni taghha".*[4]

Intqal illi ghalkemm biex jigi invokat il-gudikat, hemm bzonn l-identita` tal-oggett, din l-identita` ma hemmx bzonn tkun assoluta, basta li jkun hemm l-identita` fuq il-punt kontrovers jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jkun jidhol bhala parti ntegrali tal-oggett aktar ampju dedotta fl-ewwel citazzjoni (Ara **"Antonio Avela vs Giuseppe Fenech"** – P.A. – 28 ta' Frar 1946; u Appell Civili **"Eugenio Borg vs**

[4] Ara **App. Carmelo Camilleri v. Spiru D' Amato** deciz 2/3/1956 Vol.XLA.I.65].

**Saveria Farrugia"** - 31 ta' Marzu 1952). Dan ifisser li l-attur ma jkunx jista' permezz ta' kawza ohra jiftah it-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni li diga gew diskussi f'kawza deciza b'sentenza li diga tkun ghaddiet in gudikat. (Ara **P.L. Roberto Tabone noe. Vs Joseph Cannataci** – P.A. – 6 ta' Marzu 1946). Isegwi illi *"sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju l-istess kwistjoni tibqa' mhux deciza u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat."* (Qorti tal-Appell Civili- **Caterina Gerada vs Av. Antonio Caruana-** 7 ta' Marzu 1958).

Illi ghar-rigward tar-rekwizit ta' l-*eadem causa petendi* din il-kondizzjoni tirrikjedi li "*the cause of the claim"* kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. **Professur Caruana Galizia** f' "Notes on Civil Law" (Pt. IV p.1428) (citat b'approvazzjoni minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fil-kaz **Jan Christian Nygaard vs Carmen Nygaard** (PA JZM- 15 ta' Settembru 2014) jispjega illi l-"*causa petendi*" hija "*the title on which the demand is based*". Illi ghalhekk din hija t-titlu, cioe`, il-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex l-kundizzjoni ta' l-"*eadem causa petendi"* tirnexxi, irid jigi ppruvat il-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, illi giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

Meta kwistjoni tkun definittiva u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza tkun diga tezisti fl-ewwel kawza. Mhux lecitu li terga' ssir proposta bl-istess domanda biex tinnewtralizza decizjoni precedenti billi ggib 'il quddiem ragunijiet jew provi li jkun jaf bihom, jew li seta' u messu gieb fil-kors tal-process l-iehor. Il-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghal dak li gie diskuss espressament, imma anke ta' dak li messu gie diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutieh biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita` tal-motivi tal-'<u>causa petendi</u>'. (Ara **"Cole Foods Ltd. vs Accent Clear Traders Co. Ltd.** - P.A. deciza fl-4 ta' Gunju 1999, u **"Joseph Portelli vs Joseph Stellini et"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015).

**Fattispecie tal-kaz in ezami:**

Illi s-sentenza msemmija datata 24 ta' Jannar 2013, li tinsab fl-atti annessi mar-rikors promotur iddecidiet:

"*Ghal dawn ir-ragunijiet kollha tilqa' t-talbiet tal-atturi u tillikwida l-assi ereditarji ta' Antonio u Calcedonia konjugi Cassar, inkluz il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom skont kif dawn gew likwidati mill-Perit Tekniku <u>fit-tieni rapport tieghu</u>.*"

Fis-sentenza msemmija, din il-Qorti, diversament presjeduta, diga ppronunzjat ruhha b'mod definittiv dwar il-

vertenza vantata bejn il-kontendenti, billi gie deciz li ssir id-divizjoni skont l-ishma rispettivi tal-partijiet, kif imsemmi fit-tieni relazzjoni tal-Perit Tekniku.

Jigi ritenut li din is-sentenza llum tikkostitwixxi *res judicata* bejn il-partijiet, fis-sens li l-ezitu ta’ dak il-kaz kellu l-effett li jigi rispettat dak specifikatament deciz dwar il-qasma.

Jirrizulta, li in segwitu, ghal din is-sentenza, la gie ntavolat appell, fit-terminu stabbilit mil-ligi, lanqas qatt ma gie pprezentat rikors korrettorju sussegwentement ghas-sentenza in kwistjoni, sabiex jigi interpretat jew korrett it-tieni rapport tal-Perit Ellul Vincenti.

Illi l-ligi taghna taghti zewg rimedji ulterjuri wara li tinghata sentenza, cioe`,dak ikkontemplat bl-**artiklu 235 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** (rimedju f'kaz ta' sentenza *'ab omissa decisione:*[5]*)* u rimedju iehor ghall-korrezzjonijiet ta' kalkoli skont **l-artikolu 825 tal-Kap 12**[6], u dan oltre r-rimedju ta' appell u ta' ritrattazzjoni.

Illi huwa evidenti li r-rikors tal-intimati odjerni li wassal ghad-digriet lanjat ma sarx skont l-ebda wiehed minn dawn l-artikoli ghaliex proprju mhuwiex previst minnhom. Fl-ewwel lok certament ma jirrizultax li kien hemm *omissa decisione* fis-sentenza, u fit-tieni lok, il-korrezzjoni mitluba ma indirizzatx nuqqas ta' kjarezza f'xi espressjoni, imma addirittura irrikonfigurat pjan ta' divizjoni mahruga bit-tieni

[5] **235.** Meta l-qorti tal-ewwel grad tħalli barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti, ma jingħatax appell *ab omissa decisione*:
[6] Zball ta' kalkolu, zball fi kliem u fl-espressjonijiet uzati li ma jkunux cari.

rapport. Ma hemm xejn dubbjuz fir-riferenza ghat-tieni rapport tal-Perit. Aparti dawn il-konsiderazzjonijiet, il-ligi timponi termini tassattivi ghar-rikorsi fuq imsemmija . Jirrizulta manifestament li dawn it-termini ma gewx rispettati. Inoltre huwa lanjat li l-intimati f'dak ir-rikors lanqas gew notifikati.

Izda, jirrizulta, li fit-22 ta Settembru 2014, gie pprezentat rikors mill-atturi f'dak il-kaz numru 1064/2000, sabiex issir il-pubblikazzjoni tal-att ta' divizjoni, liema divizjoni kellha ssir skont il-pjanta Dok JEV6, fejn jidher il-fond 16, Triq San Nikola Qrendi, b'arja ta' mitt pied warajh. Jirrizulta, li dan ir-rikors intlaqa' peremezz ta' digriet datat 24 ta' Settembru 2014 (fol 255, mal-kaz anness mal-kaz odjern). Gie sottomess mir-rikorrenti fil-kaz odjern, li dak ir-rikors gie degretat minghajr ma gie notifikat lill-kontro-parti. Sussegwentement ghal dan ir-rikors, l-intimati fil-kaz Nru. 1064/2000, u cioe`, r-rikorrenti fil-kaz taht ezami, intavolaw rikors ghar-revoka *contrario imperio* tad-digriet datat 24 ta' Settembru 2014. Jirrizulta, li dan ir-rikors gie notifikat lill-kontro-parti, li rrispondew tramite r-risposta taghhom, ipprezentata fit-3 ta' Dicembru 2014. Dan ir-rikors ghar-revoka *contrario imperio* tad-digriet li nghata precedentement, kien michud permezz ta' digriet datat 4 ta' Dicembru 2014.

Illi dwar dawn ir-rikorsi, b'differenza ghas-sentenza, jigi precizat li huma revokabbli *contrario imperio* billi ma sarux fit-termini ta' ebda wiehed mill-artikoli fuq imsemmija (**Art 235 u 825 tal-Kap 12**). Isewgi wkoll li gjaladarba mhumiex

previsti bil-ligi ghall-korrezzjoni ta' sentenza, inghataw irritwalment meta s-sentenza gia ghaddiet in gudikat.

Dwar l-apprezzament fattwali fl-ewwel lok, hija ferm rilevanti x-xhieda tal-Perit Ellul Vincenti fil-kawza odjerna. Huwa sostna b'mod car u inekwivoku, kemm fix-xhieda tieghu *viva voce*, kif ukoll, fir-risposti tieghu in eskussjoni, li ma jaqbilx li t-tieni rapport ghandu jinqara fid-dawl tal-ewwel rapport kif qed isostnu l-inimtati. Inoltre`, huwa ppreciza x'kienet id-differenza principali bejn iz-zewg rapporti, billi fl-ewwel rapport, giet inkluza dik il-parti ta' art ta' mitt pied mal-fond 16, Triq San Nikola Qrendi, filwaqt li fit-tieni rapport, dan il-feles art ta' mitt pied ma giex inkluz.

Huwa evidenti, li l-kontestazzjoni bejn il-partijiet tirrigwarda dan il-feles art ta' mitt pied, li tifforma differenza sostanzjali bejn l-ewwel rapport u t-tieni rapport. Illi l-ghan tar-rikors intavolat fit-22 ta' Settembru 2014, kien li din il-parti konsistenti f'art ta' mitt pied tigi nkluza wkoll mat-tieni rapport. Madanakollu din il-Qorti hija tal-fehma li dan imur kontra dak li gie deciz fis-sentenza sucitata, liema sentenza hija cara u ma tammettix interpretazzjonijiet ohra.

Illi s-sentenza tghid car u tond li d-divizjoni bejn il-kontendenti ghandha ssir <u>skont it-tieni rapport</u> tal-Perit Ellul Vincenti minghajr l-ebda riserva ghal xi parti ta' l-ewwel rapport. Jigi nnutat ukoll li hadd mill-partijiet, ma kien talab in-nomina ta' periti perizjuri, kif permess bil-Ligi, sabiex jigi kkontestat u revedut dak relatat mill-Perit Ellul Vincenti fit-tieni rapport tieghu. Ghalhekk, l-argument tal-intimati, fil-

kaz in ezami, kif promoss fl-affidavits ta' Antonia Sciberras u Tereza Borg, fis-sens li l-qasma ma saritx bil-galbu u setghet saret ahjar, ma jregix anke ghaliex qed iressqu argument li messu gie trattat qabel ma nghatat is-sentenza finali. Izda l-intimati odjerni minnflok, ghazlu li ma jezawrux ir-rimedji moghtija lilhom mil-Ligi, billi la talbu nomina ta' periti addizzjonali, lanqas ikkontestaw b'rikors korrettorju sussegwenti ghas-sentenza u lanqas ma jirrizulta li kien hemm appell mill-imsemmija sentenza numru 1064/2000, li ddecidiet li l-qasma kellha ssir skont it-tieni rapport tal-perit mahtur minnha.

L-intimati ressqu argumenti ohrajn tramite l-avukat difensur taghhom, fir-risposta, kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet. Gie b'mod ripetuttiv, sottomess fir-risposta tal-intimati, li t-tieni rapport tal-Perit Ellul Vincenti kien aggunta ghall-ewwel rapport, billi t-tieni relazzjoni bniet u mhux issostitwiet l-ewwel rapport.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument sottomess mill-intimati. Jigi ritenut, li l-fatt, li l-ewwel rapport u t-tieni rapport fl-atti tal-kaz Numru 1064/2000, gew redatti mill-istess Perit, dan ma jfissirx li dawn iz-zewg rapporti jridu jinqraw flimkien, u lanqas ma jfisser li t-tieni rapport jiddependi mir-rizultanzi fl-ewwel rapport. Difatti, l-istess Perit Ellul Vincenti kkonferma fix-xhieda tieghu, *viva voce*, li *stante* li kien hemm oggezzjoni ghall-ewwel rapport, din il-Qorti diversament preseduta, dakinhar, ordnatlu biex jerga' jirrelata u jipprepara t-tieni rapport. Ma jirrizulta minn imkien mill-atti annessi ma' dan il-kaz, li t-tieni rapport kellu

jikkumplementa l-ewwel rapport. Inoltre`, ladarba kien hemm oggezzjoni dwar l-ewwel rapport, l-iskop li l-Perit jerga' jirrelata, kien proprju li ma jigix ikkunsidrat l-ewwel rapport.

Dan hu assodat ukoll minn qari tal-istess sentenza fejn il-Qorti sabet li t-tieni pjan ta' qasma kif ippreparat mill-Perit Teknikiu kien ragjonevoli "*u ghalhekk dan it-tieni pjan maghmul mill-Perit Tekniku ghandu jigi addottat.*"[7] Ukoll irriteniet li "*Kwindi, wara illi ezaminat bir-reqqa t-tieni pjan ta' qasma tal-Perit Tekniku, l-Qorti tiddikjara li taqbel mieghu u qieghda taghmlu taghha.*"[8] In segwitu fid-*decide* ordnat li l-assi ereditarju in divizjoni ghandhom jinqasmu *<u>skont it-tieni rapport tal-Perit Tekniku, liema rapport jinsab minn fol.140 sa fol 194</u>."* Dwar dan ma hemm l-ebda ekwivoku.

Illi anke meta jitqabblu l-pjanti rigward il-fond 16 Triq San Nikola Qrendi, fiz-zewg rapporti johrog car li l-*area* ta' 100 pied hu eskluz fit-tieni rapport. Difatti fil-pjanta esebita bhala DOK JEV/6 mal-ewwel rapport (fol 107 tal-process f'dik il-kawza) hemm estensjoni ta' 100' muri *hatched* bl-ahdar.Fil-pjanta annessa mat-tieni rapport maghmula fuq l-istess skala a fol 165 ta' dak il-process, tali estensjoni mhix inkluza. Ir-raguni hija lampanti billi l-art 'Tal-Hofra' fl-ewwel rapport kienet giet assenjata esklussivament lill-intimati filwaqt li fit-tieni rapport, din l-art inqasmet skont l-ishma ereditarju tal-kontendenti b'tibdil ghall-ewwel qasma u

[7] Fol 250 tal-Process 1064/2000/GC).
[8] *Ibid a fol* 251.

mhux b'aggunta.[9] Huwa ovvju li din il-Qorti kif diversament presjeduta giet zgwidata bir-rikors tal-odjerni intimati tat-22 ta' Settembru 2014 fejn giet riferuta ghall-pjanta a fol 107 (DOK JEV/6) u mhux ukoll ghall-pjanta a fol 165 annessa mat-tieni rapport peritali.

Illi huwa assodat li gjaladarba sentenza ghaddiet in gudikat, mhuwiex ammissibbli li jerga' jigi trattat il-mertu taghha jew interpretati mill-gdid ir-ragunamenti u r-rimedji moghtija. Ghalhekk, ma tistax tikkondividi dak sostnut mill-intimati, referibbilment ghall-argument li t-tieni rapport irid jinqara flimkien mal-ewwel rapport.

*In vista* tas-suespost, din il-Qorti taqbel ma' dak sottolineat fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, li ma gewx ezawriti r-rimedji stipulati fil-ligi, (konsistenti f'talba ghal periti perizjuri, jew f' rikors ghall-korrezzjoni fi zmien tletin jum mis-sentenza, jew f'appell mill-istess sentenza). Ghaldaqstant, il-procedura adottata permezz tar-rikors,ipprezentat fit-22 ta' Settembru 2014, hija rritwali u insostenibbli in kwantu tilledi l-principju fondamentali ta' *res judicata*, liema principju huwa ta' ordni pubblika. Isegwi li d-digriet moghti konsegwentement ghal dak ir-rikors, huwa insostenibbli u ghandu jigi revokat.

Jigi ritenut ukoll, li permezz tad-digriet moghti fl-24 ta' Settembru 2014, giet moghtija interpretazzjoni lill-imsemmija sentenza, liema interpretazzjoni f'dak l-istadju ma kinitx aktar legalment permessa.

---

[9] Ara wkoll verbala a fol 136-139 tal-ewwel kawza.

Fid-dawl tas-suespost, ser tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti billi huma guridikament u fattwalment fondati.

## III. KONKLUZJONI.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti skont kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li d-digriet moghti fl-24 ta' Settembru 2014 huwa legalment insostenibbli u tirrevokah *contrario imperio* u konsegwentement tirrevoka *contrario imperio* d-digriet moghti fl-4 ta' Dicembru 2014, it-tnejn moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta wara s-sentenza moghtija fl-24 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet "Grech Saviour et vs Cassar Gerardu et" (Citazz. Nru. 1064/2000/GC illum SM).

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li s-sentenza moghtija fl-24 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet "Grech Saviour et vs Cassar Gerardu et" (Citazz. Nru. 1064/2000/GC illum SM), hija cara u ma hemm ebda lok ta' interpretazzjoni.

3. Tilqa' t-tielet talba u tiffissa nhar il-Hamis 20 ta' Lulju 2017 f'nofsinhar biex jigi ppubblikat l-att ta' divizjoni min-Nutar Peter Fleri Soler skont it-tieni rapport redatt mill-AIC Joseph Ellul Vincenti b'dan li l-art Tal-Hofra limiti tal-Qrendi tigi maqsuma skont il-pjanta esebita Dok MM1 a fol 6 mar-rikors promotur, b'dan li ma tithalla l-ebda arja ta' mitt pied wara l-fond numru 16, Triq San Nikola, Qrendi.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimati.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Gunju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2017**